**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Frar 2020.**

**Rik Gur : 70/2018 AGV**

**A BC (189871M)**
**Vs**
**DB**

**Il-Qorti,**
**Rat ir-rikors ta' DB ipprezentat fit-18 ta' Dicembru 2019;**

1. Illi l-kontendenti izzewwgu nhar is-6 ta' Mejju 1995, minghajr kitba taz-zwieg, u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partijiet bhala r-regim matrimojajli li tirregola l-prppjeta' taghhom;
2. Illi tul daz-zwieg taghhom huma kellhom zewgt itfal li wiehed minnhom illum huwa maggorenni, mentri l-iehor jaghlaq tmintax-il sena f' Marzu 2020;
3. Illi l-partijiet ilhom jghixu separati minn Marzu 2017;

4.Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu b’ dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament;
5. Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet. Minkejja illi llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn ma’ xulxin, kemm finanzjarjament u anka emozzjonalment, il-waqfien tal-komunjoni ggib il-beneficcju li l-partijiet ma jkunux jistghu jagixxu f’ att civili minghajr il-kunsens ta’ xulxin u kif ukoll- a fortiri in vista tal-indipendenza surrifferita- li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista’ talvolta jaghmel;
6. Illi ghalhekk l-attric mhux sejjer isofri xi pregudizzju , u certament mhux ser isofri minn xi pregdizzju sporporzjonat, f’ kaz illi dina l-Onorabbli Qorti, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.
7. Illi ma hemmx raguni ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, ghandha tibqa’ fis-sehh;

Ghaldaqstant, l-espoenenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dana a dispisizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dan a disposizzjoni tal-Artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Tiddikjara illi r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-seperazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha taghti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Rat ir-risposta ta' A BC datata 15 ta' Jannar 2020, ghar-rikors pprezentat fit- 18 ta' Dicembru 2019 minn DB ;**

1. Illi l-kawza bin-numru u l-ismijiet premessi tinsab differita ghas- 6 ta' Frar 2020 ghall-kontinwazzjoni.
2. Illi waqt l-ahhar seduta ta' din il-kawza, l-attrici tat ruhha b'notifkata bir-rikors ipprezentat minn zewgha DB, fejn intalab illi tigi terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi l-esponenti m' ghandhiex oggezzjoni illi tigi mwaqqfa il-komunjoni tal-akkwsiti, pero' toggezzjona ghal talba li ghandha tbati l-ispejjez ta' dal-proceduri. Il-konvenut ghal ragunijiet tieghu, ghazel illi jitlob li l-komunjoni tigi mwaqqfa anticipament, meta seta' jistenna l-ezitu tal-kawza, biex jottjeni l-stess effett fuq ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-kontendenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi m' hemmx oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, il-Qorti tifhem li dan mhuwiex ser johloq pregudizzju mhux proporzjonat ghal parti jew ghal ohra. Huwa importanti li l-partijiet jifhmu li tali ordni ma tillikwidax il-komunjoni, izda tiddikjara stat ta' fatt gdid bejn il-partijiet, billi issa kull parti tista' tixtri u takkwista proprjeta' f'isimha minghajr ma din tifforma parti mill-komunjoni gia' ezistenti bejniethom. Il-proprjeta' li sa llum tifforma parti mill-komunjoni tibqa' hekk mhux likwidata, sa ma tinghata s-sentenza finali. Ghalhekk, il-Qorti tista' tilqa' t-talbiet attrici f'dan l-istadju, b' rizerva ghall-ispejjez.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b' dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.
3. Tilqa' t-tielet talba.

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**